# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-19 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 283/2019 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**MA**

**Vs**

**CB; u Direttur tar-Registru Pubbliku; u b'digriet tad-19 ta' Dicembru 2019 l-istess CB li giet konfermata bhala kuratrici ad litem sabiex tippraprezenta l-interessi tal-minuri MB.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MB datat 19 ta' Dicembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti kellu relazzjoni intima mal-intimata CB u minn liema relazzjoni twieldet MB f'X (Certifikat tat-twelid li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 3529/2009 hawn mehmuz u mmarkat Dok A);*

*Illi l-intimata CB fl-att tat-twelid numru 3529/2009 (Dok A) irregistrat lil minuri MB bhala li din kellha 'Missier mhux maghruf' meta kienet taf ben tajjeb li l-esponent kien il-missier naturali u bijologiku ta' bintha;*

*Illi l-esponent ried jaghraf u jirrikonoxxi lil minuri MB bhala bintu minhabba li hu l-missier naturali u bijlogiku taghha;*

*Illi ghalhekk l-esponent, permezz ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru 2019 ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li giet notifkata lill intimata CB fit-18 ta' Settembru 2019, informa lill istess intimata fuq tali registrazzjoni (kopja tal-ittra ufficjali hawn annesa bhala Dok B u kopja tal-email tal-Qorti mibghuta fl-1 ta' Ottubru 2019 rigward tali notifika pozittiva hawn annessa bhala Dok C);*

*Illi l-intimata naqset milli tippresenta nota fl-atti tal-ittra ufficjali Dok B fi zmien xahrejn ai termini tal-art 86. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex turi li hi taqbel o meno li ssir tali registrazzjoni u minhabba f'tali nuqqas ir-rikorrenti ma setax jaghmel ir-registrazzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri u b'hekk jevita l-ispejjez tal-kawza;*

*Illi l-paternita' tal-minuri tista tigi stabbilita' permezz ta' testijiet genetici;*

*Illi wara t-twelid tat-tarbija l-initmata staqsiet lill-esponent jekk kunjomu kienx M jew A minhabba fir-registrazzjoni tat-tarbija. L-esponent kien qallha kif ghandha tirregistrah fl-att tat-twelid ta' binthom. Izda ghalkemm l-esponent kien jitlob lill intimata kopja tac-certifikat tat-twelid ta' MB l-intimata qatt ma tat kopja tieghu lill esponent.*

*Illi fl-ewwel sitt xhur wara t-twelid tat-tarbija l-esponent zar u qaghad mat-tifla minuri diversi drabi fl-appartament tal-intimata. Sahansitra l-esponent kien jixtri diversi oggetti lit-tifla. Izda mbaghad CB qatghet kull kuntatt mal-esponent.*

*Illi l-esponent ghandu interess li hu jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali u*

*bijologiku tal-imsemmija minuri u li c-certifikat tat-twelid ta' bintu minuri jigi konsegwentement korrett halli legalment hu jkun jista' jaqdi d-doveri tieghu bhala missier it-tifla u kif ukoll biex hu jkun jisa jezercita d-drittijiet tieghu ta' missier fil-konfront ta' bintu.*

*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara li r-rikorrent huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri MB li twieldet fl-10 ta' Settembru 2009;*

2. *Konsegwentement tordna l-korrezzjoni opportun tal-att tat-twelid numru 3529/2009 tal-minuri MB (Dok A) billi fil-parti tac-certifikat li taghti taghrif dwar Missier it-Tarbija u precizment kolonna intestata "Isem u Kunjom", tordna l-kancellazzjoni tal-kliem "UNKNOWN FATHER", u tissostwihom bl-isem u l-kunjom "MA", u cioe isem u kunjom l-esponent, u tordna wkoll illi fl-istess parti tac-ceritifkat il-partikolaritajiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, inkwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu mimlija b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza.*

3. *Tordna li l-kunjom tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u bijologika "A"*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru 2019, kontra l-intimata, li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku datata 17 ta'Jannar 2020 a fol 14 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi fil-mertu, l-esponenti jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

2. *Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponenti jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur mhuwiex verament il-missier naturali tal-minuri MB;*

3. *Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti jistieden lir-rikorrent sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-Karta tal-Identita', (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieldet MB, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet MB, (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru, u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet MB. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri MB;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom ukoll jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri;*

5. *Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal- kawża istanti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta'CB datata 12 ta'Marzu 2020 a fol 24 et seqq:

1. *Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li r-rikorrenti qatt ma jista jigi dikjarat bhala missier it-tarbija fil-konfront tal-minuri, u dana peress li inzerta kien il-persuna bjologika li ppartecipat*

*mal-intimata, u qatt ma agixxa bhala kif suppost ikun missier fil-konfornt tal-allegati uliedu;*

2. *Illi kien hemm relazzjoni ferm qasira mal-intimata li ma tistax tigi definita bhala wahda familjari;*

3. *Illi r-rikorrenti qatt ma agixxa ta' missier bijologiku stante li l-minuri dejjem trabbiet ma ommha minn mindu twieldet minghajr l-ebda konkors jew azzjoni/access/ manteniment da parti tieghu. Qatt ma ppartecipa fl-izvilupp tat-trobbija u edukazzjoni taghha.*

4. *Illi huwa ferm stramb illi r-rikorrneti issa qed jesigi li jidhol fil-hajja privata tal-minuri li llum ghandha ghaxar (10) snin liema kuntatt ikun ta' perikolu psikologu u fiziku ghal minuri;*

5. *Illi r-rikorrent ghandu jkun onest u jiddikjara l-motiv ulerjuri tieghu li qed jilamenta min-nuqqasijiet doverusi tieghu wara li tul taz-zmien daqshekk tal-minuri. L-involviment tieghu issa f'dan l-istadju ser iharbat il-hajja, zvilupp, attitudini u attegjament tal-istess minuri;*

6. *Illi l-intimata qed tippartecipa f'dawn il-proceduri permezz ta' ghajnuna legali provdut skond il-ligi;*

7. *Salv rispost ulterjuri,*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fl-udjenza tas- 17 ta' Gunju 2020, kienet tqajjmet ecezzjoni illi r-risposta tal-intimata B hija tardiva u li ghandha tigi sfilzata stante li hi kienet giet notifikata fl-20 ta' Frar 2020 u r-risposta dahlet fit-12 ta'Marzu 2020.

Rat illi f'dana ir-rigward l-intimata B prezentat nota nhar is-26 ta' Gunju 2020 (vide fol 35) fejn indikat illi fil- 5 ta'Marzu 2020 kienet prezentat rikors urgenti sabiex jigi estiz it-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata taghha. Illi fis- 6 ta'Marzu 2020, din il-Qorti kienet laqghet it-talba taghha u estendiet it-terminu b'ghaxart ijiem.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 2020 (Vide Fol 21) illi bih kienet estendiet it-terminu tar-risposta b'ghaxart ijiem. Ghaldaqstant cahdet tali talba.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed permezz ta' affidavit *a fol 42 et seq,*** u spjega illi lejn l-ahhar tas-sena 2008 u matul il-maggioranza tas-sena 2009, huwa kellu relazzjoni intima mal-intimata B, li kienet tirrisjedi fl-istess blokka ta'appartamenti tieghu. F'Marzu jew April tas-sena 2009, huwa kien innota illi l-intimata setghet kienet tqila u kien talabha ticcekja. Illi filfatt dan kien minnu u kif saret taf, marret tirrisjedi mal-genituri taghha. Illi pero' huwa xorta wahda baqghu jiltaqghu fl-appartament taghha ghaliex kienet zammitu. Illi fl-10 ta' Settembru 2009, twieldet il-minuri MB u t-twelid taghha kien gie registrat gewwa r-Registru Pubbliku bin-numru progressiv 3529/2009. Jishaq illi ghalkemm l-intimata kienet taf illi l-minuri kienet bintu, registrata bhala wild missier mhux maghruf. Illi sa qisu sitt xhur mit-twelid, l-attur jispjega illi hu kien minghalih illi huwa kien gie indikat bhala l-missier fic-certifikat tat-twelid tal-minuri anke peress li qabel ma twieldet il-minuri, l-intimata kienet staqsietu jekk kunjomu kienx M jew A. Illi wara t-twelid tal-minuri, izid illi huwa kien talab lill-intimata kopja tac-certifikat tat-twelid kemm il-darba, pero qatt ma ghaddietlu kopja, minkejja li kienet talbitu jaghtiha EUR 40 fil-gimgha bhala manteniment. Illi hu kien imur jarahom kemm il-darba gewwa l-appartament tal-intimata f'Birzebbuga u anke kien jixtri diversi affarijiet ghat-tarbija. Illi pero', l-intimata imbaghad kien tterminat kull kuntatt mieghu u ghalhekk ma baqghax imur jara lill-minuri. Illi fis-sena 2019, kien iddecieda illi jirregola l-pozizjoni tieghu dwar il-paternita tal-minuri, u kien gab kopja tac-certifikat tat-twelid u kien f'dana l-istadju illi sar jaf illi huwa ma kienx indikat bhala l-missier. Illi sussegwentement kellem avukat biex jara x'kellu jsir biex jigi registrat bhala missier il-minuri. Illi l-avukat kien qallu li baghat zewg ittri lill-intimata imma ma kien ircieva l-ebda risposta. Illi aktar tard kien qabbad lill-avukat prezenti tieghu li kien baghat ittra

legali datat 17 ta' Lulju 2019 fejn kien talab lill-intimata li jirregolarizza dan kollu permezz ta' att pubbliku izda din l-ittra kienet giet injorata.

Illi fl-ewwel ta' Ottubru 2019, l-avukat tieghu kien informah illi kien prezenta ittra ufficjali fil-konfront tal-intimata u dan ai termini tal-artiklu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigu evitati spejjes gudizzjarji. Illi minkejja li kienet notifikata, l-intimata naqset milli tintavola n-nota minnha rikjesta u ghalhekk kellu bilfors jintavola l-proceduri odjerni.

**Illi l-intimata xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 58 et seq)** fejn spjegat illi hi u l-attur kienu jirrisjedu fl-istess blokka ta' appartamenti pero dejjem ghexu f'appartament separat. Illi maz-zmien huma kienu saru hbieb u wara x-xoghol kien hemm drabi fejn l-attur kien imur ghandha izda hi qatt ma marret ghandu. Illi wara xi xahar li kienu ilhom jafu lil xulxin, kellhom rapport intimi. Tishaq illi l-attur kien jinqeghda biha u wara kien jitlaq l'hemm. Tiddikjara illi huma kellhom rapporti intimi tlett darbiet minghajr protezzjoni. Illi wara ftit hija kienet skopriet li kienet tqila, pero' tul it-tqala l-attur kien temm ir-relazzjoni u ma baqghax jikkomunika maghha, u filfatt anke kien telaq mill-appartament li kellu. Izzid illi hi ukoll kienet telqet mill-appartament biex isib akkomodazzjoni ahjar. Illi l-minuri MB twieldet fl-10 ta' Ottubru 2009 u hi registrata bhala wild ta' missier mhux maghruf. Illi wara li kellha lill-minuri, l-attur kien mar jaraha xi darbtejn imbaghad reggha ma baqax jikkomunika maghha. Illi sussegwentement kienet irceviet xi karti mill-Qorti pero ddikjarat illi hija ma tafx taqra, u marret fl-Ufficcju tal-Ghajnuna Legali fejn kienu spjegawlha illi kienet infethet kawza u tawha avukat sabiex jassistiha. Tirrileva illi matul dan iz-zmien l-attur qatt ma avvicinaha biex jara lit-tifla jew biex joffri xi tip ta' manteniment. Spjegat illi ma tistax tifhem kif, wara tnax (12)-il sena, l-attur fetah dawn il-proceduri u tibza' illi l-attur ghandu l-intenzjoni li jahrab bil-minuri.

**Illi l-intimata xehdet in kontro-ezami nhar id- 19 ta' Mejju 2022** ***(vide fol 62 et seq)*** u mistoqsija jekk kellhiex rapporti intimi ma' terzi aparti l-attur, tindika illi hija ma kellha ebda rapporti intimi ohra ma' terzi. Tikkonferma ukoll illi hi u l-attur qatt ma ghexu flimkien u qatt ma kienu koppja. Tishaq illi wara li harget tqila, l-attur ma riedx jaf biha u meta qaltlu li kienet tqila hu kien temm ir-relazzjoni. Fuq mistoqsija ta' din il-Qorti, l-intimata tispjega illi kellha xahrejn tqala meta l-attur hareg mill-appartament li kellu fil-blokka fejn kienet tirrisjedi hi, izda tikkonferma illi hi ukoll kienet harget mill-appartament taghha. Tikkonferma ukoll illi hi kienet infurmat lill-attur fejn kienet sejra tirrisjedi. L-intimata tindika illi kien hemm ftit

komunikazzjoni bejnithom qabel ma twieldet il-minuri u li filfatt kienet hi l-iktar li kienet taghmel kuntatt. Mistoqsija jekk qatt cempilix l-attur u kienet hi li qatghatlu, l-intimata tinnega li qatt ghamlet dan. Mistoqsija x'kienet ghamlet meta twieldet it-tarbija, l-intimata tirrileva illi hi kienet cemplitlu u kienet infurmatu bit-twelid wara xi xahrejn u ma tiftakarx wara kemm kienet irregistrat it-twelid tal-minuri. Mistoqsija jekk kienitx talbet lill-attur dwar il-kunjom li ser taghti lit-tarbija kienx M jew A, l-intimata tichad. Konfrontata bil-fatt li semmiet lill-minuri MB ghall-attur, hija tichad u tipsjega illi semmietha ghal San Martin minkejja li hi m'ghandha l-ebda devozzjoni specjali lejn SM. L-intimata tichad illi l-attur qatt xtara xi affarijiet ghall-minuri u kienet hi li dejjem xtratilha lit-tifla. Tikkonferma illi l-attur mar darbtejn jara lill-minuri u li kien hemm drabi fejn ma kienitx hallietu jaraha. Mistoqsija ghalfejn irregistrat lill-minuri bhala wild ta' missier mhux maghruf, l-intimata tispjega illi l-attur qatt ma ghex maghha u qatt ma kienu koppja. Izzid illi kieku kienu koppja kienet tirregistraha b'kunjomu. Fir-rigward l-atti mibghuta lilha, l-intimata tixhed illi hi ma tafx taqra u meta kienet irceviet ic-citazzjoni dawn kienu ngabu minn persuna bil-qmis bajda li kien spjegalha illi ghandha tkellem avukat. Illi habiba taghha kienet spjegatilha x'kien hemm fir-rikors u kien wara dan li hija marret ghand l-Ufficcju tal-Ghajnuna Legali. Mistoqsija minn din il-Qorti jekk kienitx irceviet xi ittri ohra, l-intimata tindika illi jista jkun li irceviet izda hi ma kienitx taf xi jfissru u ma kienet talbet lil hadd biex jispjegalha.

Mistoqsija ghalfejn hija qieghda tibza' illi l-attur sejjer jahrab bil-minuri, l-intimata tirrileva illi l-attur qatt ma qalilha li ser jiehu lit-tifla u din giet f'mohha mhux ghaliex qalilha xi haga l-attur f'dana is-sens. Mistoqsija jekk tafx li t-tifla avvicinat lill-attur, l-intimata tindika illi ma taf xejn dwar dan.

**L-attur in kontro ezami nhar il-5 ta' Ottubru 2022 (vide fol 79 et seq)** xehed illi huwa gie Malta fis-sena 2006 u iltaqgha mal-intimata fis-sena 2008. Jishaq illi r-relazzjoni tieghu mal-intimata damet massimu xahrejn u li l-minuri imbaghad twieldet fis-sena 2009. Illi mis-sena 2009, 'l hawn huwa dejjem baqgha Malta. Mistoqsi ghalfejn dam daqshekk biex fetah il-proceduri odjerni, l-attur jikkonferma illi kien mar ghand l-ewwel avukat fis-sena 2018 illi sussegwentement qabbad lill-avukat prezenti tieghu u beda dawn il-proceduri. Mistoqsi jekk kellux kuntatt mal-minuri tul dawn is-snin kollha, l-attur jirrileva illi l-problema dejjem kienet l-intimata omm, ghaliex meta kien icempilha kien hemm drabi fejn ma kienitx thallih imur jara lill-minuri u l-ahhar li ra lill-minuri kien fis-sena 2018. Illi wara li twielet, raha wara xi xahar. Jirrakonta illi dakinhar kif spicca mix-xoghol, mar il-Belt u xtara xi affarijiet ghat-tarbija. Illi

minn hemm baqa' sejjer ghand l-intimata u qaghad ftit tal-hin maghhom. Illi fis-sena 2016 talabha kopja tac-certifikat tat-twelid, illi hi kienet talbitu erbghin euro fil-gimgha bhala manteniment, izda imbaghad l-intimata ma riditx tarah aktar u meta kien icempilha ma kienitx twiegeb. Jikkonferma illi bejn is-sena 2008 u 2016 kien jaraha lill-minuri ghalkemm mhux regolarment. Kull darba li kienet thallih imur huwa kien imur. Mistoqsi jekk fetahx proceduri ghall-access, l-attur jindika illi hu ma kienx jaf xi dirttijiet kellu u x'setgha jaghmel. L-attur jikkonferma illi huwa minn J, SA.

In **ri-ezami,** l-attur jikkonferma illi bejn is-sena 2009 u s-sena 2015, kien qieghed jara lill-minuri darba fil-gimgha. Illi meta l-intimata qatghet il-kuntatt minn mieghu, kien mar ghand avukat gewwa Birkirkara. Illi l-avukat kien kiteb xi ittra lill-intimata pero l-intimata ma kienitx irrispondiet. Illi fis-sena 2018 kien ghamel kuntatt mal-avukat prezenti tieghu u minn hemm fethu l-proceduri odjerni.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, li jirregola l-azzjoni ta' filjazzjoni intavolata minn missier li jkun irid jirikonixxi tarbija li taghha hu jghid li hu l-missier. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> ***"(1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:***
>
> ***Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala l-ġenitur li ma wiledx hija minuri, l-għarfien huwa null:***
>
> ***Iżda wkoll l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun biħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ,u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn***

***minn tali notifika,permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali,qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali un-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Diretturtar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:***

***Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkun għamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili***

Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."***[1]

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu involuti f'relazzjoni intima. Illi l-intimata weldet tifla, fl-10 ta'Settembru 2009, MB, u dana kif jidher mill-att tat-twelid *a fol 4* tal-atti. Illi l-minuri ghandha circa tlettax (13)-il sena u mhux sittax il-sena kif indikat fit-trattazzjoni. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet damet biss ghal ftit xhur u kienet diga' intemmet ferm qabel it-twelid tal-minuri. Kif jirrizulta mill-att tat-twelid esebit, il-minuri giet registrata mill-intimata bhala wild missier mhux maghruf. Illi mill-provi prodotti jidher illi ghalkemm tas-sena 2015, l-attur kien jara lill-minuri madwar darba fil-gimgha, dana il-kuntatt kien eventwalment waqaf. Illi fit-testimonjanza taghha l-intimata omm xehdet illi fil-perjodu fejn hija kellha rapporti intimi mal-attur, hija kellha rapporti mieghu biss, u ghalhekk kienet ben konsapevoli illi l-minuri kienet bint l-attur. Illi filfatt kien hemm perjodu ta' snin fejn l-attur stess kien imur ghand l-intimata sabiex jara lill-minuri.

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

Illi l-Qorti rat ukoll illi l-attur kien intavola l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 86 tal-Kodici Civili nhar it-3 ta' Settembru 2019, liema ittra giet notifikata lill-intimata fit-18 ta' Settembru 2019. Illi l-proceduri odjerni gew intavolati mill-attur nhar id-19 ta' Dicembru 2019.

Din il-Qorti rat l-affidavit u r-rapport ta' Dr Marisa Cassar, (vide fol 51 et seq) fejn mit-testijiet genetici li saru fuq il-partijiet jidher bic-car illi l-minuri MB hija efftivament il-wild bjologika tal-attur.

Illi ghalhekk wara li din il-Qorti kkonsidrat ir-rizultanzi mit-testijiet genetici, ix-xhieda tal-attur, u dik tal-intimata, il-paternita' tal-minuri giet konfermata, u huwa stabbilit xjentifikament illi l-attur effettivament huwa il-missier naturali tal-attrici.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, din il-Qorti taghraf illi l-partijiet ma rregistraw l-ebda qbil ghar-rigward. Illi kif diga rilevat aktar kmieni il-minuri ghandha tlettax (13) – il sena u ghalhekk tul hajjitha kollha dejjem gabet il-kunjom B u cioe kunjom ommha. Illi fi-cirkostanzi u gialadarba ma gie registrat l-ebda qbil, din il-Qorti ma tqisx illi f'dan il-perjodu tal-adoloxxenza tal-minuri ikun fl-ahjar interess tal-istess minuri illi jsir tibdil radikali f'kunjomha. Ghalhekk il-Qorti tordna illi l-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom BA.

Rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti rat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Il-Qorti rat illi l-attur intavola l-proceduri odjerni madwar ghaxar (10) snin wara t-twelid tal-minuri, minkejja li entrambi l-partijiet kienu jafu ben sew il-paternita' reali tal-minuri binthom. Jidher li dan l-istat ta' fatt effettivament kien wiehed komdu ghaz-zewg partijiet, altrimenti, xi hadd mill-partijiet kien jintavola l-proceduri relattivi ferm qabel it-trapass ta' ghaxar (10) snin. Illi oltre minn hekk, l-intimata setghet taghmel il-verifiki necessarji sabiex tirrispondi ghall-ewwel ittra ufficjali intavolata mill-attur. Illi fid-dawl ta' dan il-fatt, din il-Qorti tqis illi l-attur u l-intimata B ghandhom ibghatu l-ispejjez taghhom filwaqt illi l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jithallsu fi kwoti ugwali mill-istess A u B.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi l-minuri MB li twieldet nhar l-10 ta' Settembru 2009, u liema twelid gie registrat bl-att tat-twelid bin-numru 3529/2009 hija l-bint naturali tal-attur M A;**

2. **Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri MB liema att ghandu n-numru 3529/2009 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom: billi fil-kolonna fejn hemm indikat id-dettalji tal-missier, jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u minflok jigu nseriti isem u kunjom ir-rikorrenti u cioe MA detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0040733A imwieled J, SA; fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri inizzel in-numru "29"; fil-kolonna Joqghodu" in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" inizzel l-post "B"; inizzel il-kliem "MA" (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet";**

3. **Tilqa' limitatament it-tielet talba tal-attur u tordna illi kunjom il-minuri MB ghandu jkun BA.**

4. **Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex wara li jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri MB, johrog att tat-twelid li jirrifletti l-verita' dwar il-paternita' tal-minuri u dana wara li**

**jithallsu d-debiti drittijiet ai termini tal-Ewwel Skeda tal-Kodici Civili;**

**Tordna illi MA u CB ghandhom ibatu l-ispejjez individwali taghhom, filwaqt illi l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jithallsu fi kwoti ugwali minn MA u CB.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**